**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Curmi
vs
Gaetano Busuttil

27 ta' Novembru 2017

It-Tribunal

Ra it-talba pprezentat fis-27 ta' Jannar 2017 fejn ir-rikorrenti talbet ghar-refuzjoni ta' €252.33, prezz ta' libsa u hjata ikkommissjonat minghand l-intimat, liema libsa ma gietx mehjuta skond l-arti u s-sengha b'tali mod li kellha tmur ghand hajjat iehor u tixtri drapp mill-gdid.

Ra illi nonostante li l-intimat gie notifikat bl-avviz, ma prezentax risposta fi zmien utli, izda it-Tribunal xorta sema' l-versjoni tieghu f'din il-kwistjoni u hadet konjizzjoni tar-risposta ipprezentata fuori termine ghall-ahjar interess u amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ra d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi f'Jannar tal-2016, ir-rikorrenti kienet xtrat pezza drapp fl-ammont ta' €252.00 sabiex minnha ssir libsa ghall-okkazjoni specjali. Iltaqghet mal-konvenut fl-istess stabbiliment fejn xtrat id-drapp peress li hu kien il-hajjat 'in-house'. Tatu d-drapp li kienet xtrat u kienet tmur ghandu sabiex tipprova l-libsa. Meta lesta hallsitu mija u hamsin Euro (€150.00) tal-hjata pero r-rikorrenti tghid li l-libsa ma ghogbithiex. Iz-zipp ma ghogobhiex u kienet issikata maghha hafna tant li ma setghetx ticcaqlaq. Tghid ukoll illi l-intimat ha zball fil-mizuri u ddeskriviet il-libsa bhala li taqa' qisha xkora. Wara dan kellha tmur ghand haddiehor sabiex tirranga l-libsa u nefqet mija u tletin Euro (€130.00) ghal dan.

Illi min-naha l-ohra l-intimat filwaqt li ikkonferma li huwa hadem fuq il-libsa tar-rikorrenti, l-aktar li kien jitkellem kien mat-tifla taghha li kienet prezenti fl-istabbiliment meta ntaghzel id-drapp. Qabel ma gie biex jahdem ha l-qisien li kellu jiehu u kitibhom fuq karta (Dok X) u beda x-xoghol. Il-provi saru b'mod normali i anke ddiskutew fejn kellhom isiru l-qriesi. Pero ircieva minghand it-tifla tar-rikorrenti li qallha li ommha ma ghogbuhiex il-qriesi u ghalhekk nehhihom. Dan huwa korroborat minn messagg li jinsab ezebit fl-atti immarkat

Dok R. Terga' ir-rikorrenti ilmentat fuq iz-zip li originarjament kien wiehed 'invisible' u ghalhekk l-intimat qalilha biex iggib wiehed hi. Dan illi gabet ma kienx 'invisible' u l-intimat kellu jaghmel flap biex ighatti dan iz-zip. Pero' l-anqas hawn ma kienet kuntenta r-rikorrenti li baqghet titlob diversi tibdielet wara li jkun sar ix-xoghol. Dan kollu huwa korroborat mill-kopji tal-messagi tal-SMS ezebit f'dawn l-atti. Fl-ahhar qaltlu biex thalli kollox kif inhu u jnehhi l-qriesi kif fil-fatt ghamel. Ir-rikorrenti pero baqghet mhux kuntenta u l-ahhar darba illi marret ghal prova nehhiet il-libsa minn fuqha u tefatha gozz fuq is-sodda. Qabditha, hallsitu u telqet. L-ghada cemplitlu u qaltlu li marret ghand hajjat iehor. Imbaghad kellmu r-ragel taghha u beda joffendih. Wara dan ma semax aktar minghandhom. Aktar tard sar jaf li l-hajjat illi kienu qabbdu kien certu Gaetano Deguara. Iltaqa' miehgu ghand JB Stores xi zmien wara fejn kellhom konversazzjoni fuq din il-libsa. Deguara allegatment qallu li l-libsa ma tmurx minghajr qriesi u l-intimat irrisponda li qriesi kellha pero kienet l-istess rikorrenti illi riedet tnehhihom.

Illi gie prezentat affidavit ta' Gaetano Deguara fejn ikkonferma bil-gurament li fis-6 ta' Lulju tal-2016, ir-rikorrenti giet ghandu sabiex jirranga libsa li kienet ser tilbes ghat-tieg ta' binha. Deguara ighid li l-libsa kienet dejqa mis-sider u minn taht l-ispalla, tant li ma setghetx ticcaqlaq fija. Peress li l-hjata kienet fix-xifer ma kienx hemm fejn tirranga l-libsa u ghalhekk l-unika alternattiva kienet li r-rikorrenti tixtri drapp gdid u l-parti ta' fuq terga' tinhadem.

Illi l-ammont li qed titlob ir-rikorrenti huwa biss il-prezz tad-drapp. Mhijiex qieghda titlob ghax-xoghol tal-idejn li sar mill-intimat u l-anqas dak li sar minn Deguara.

Ikkunsidra

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali jidher li ma kienx hemm kommunikazzjoni effettiva bejn iz-zewg partijiet u t-tnejn ghandhom jerfghu ir-responsabbilta' f'dak illi gara. Ir-rikorrenti min-naha wahda tidher illi ma kenitx deciza x'ezattament riedet u qaghdet hafna fuq bintha sabiex tikkomunika mar-rikorrenti, li kkomunikaw permezz ta' messaggi li mhux dejjem jistghu jiftiehmu sew. Di piu', meta l-intimat ha l-qisien u nizzel bhala bust 32 u nofs, ir-rikorrenti missha gibditlu l-attenzjoni mal-ewwel illi l-mizura kellha tkun 34, u mhux thalli lill-intimat jahdem fuq mizura li hi taf li kienet zbaljata. Barra minn hekk saru hafna interventi u bdil wara li kien sar ix-xoghol. Originarjament il-libsa kienet bil-qriesi, kellha zip invizibbli izda r-rikorrenti riedet tnehhi l-qriesi kif ukoll iz-zip invisibbli. Iz-zip illi gabet hi stess ma kienx wiehed invizibbli u ghalhekk l-intimat kellu jdejjaq aktar ic-cirkonferenza sabiex johrog zewg flaps zghar biex ighatti z-zip. Dana kompla dejjaq il-bust jew in-naha ta' fuq tal-libsa.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat bhala persuna tas-sengha kellu jkun jaf illi b'dak li kienet qieghda titlob ir-rikorrenti, ix-xoghol ma kienx ser ikun sew u ma messux accetta is-

suggeriment tar-rikorrenti u jahdem fuq bicca xoghol li kien jaf li ma kenitx ser tigi sew. Bhala bniedem tas-sengha u b'responsabbilta' ghax-xoghol tieghu, messu jkun jaf meta ghandu ighid le u jirrifjuta li jkompli xoghol li jaf illi mhuwiex professjonali. F'dawn ic-cirkostanzi il-klijent mhux dejjem ghandu ragun u sta ghal bniedem tas-sengha biex jiftah ghajn dak li jkun u jekk jirrifjuta li jiehu l-parir tieghu, m'ghandux jissokta bix-xoghol, anke jekk ghandu jitlef parti mill-hlas li jkun ircieva biex jevita li jitlef aktar flus u reputazzjoni 'il quddiem.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi f'dan it-kaz, hemm nuqqasijiet miz-zewg partijiet u ghandhom jerfghu r-resposabbilta t-tnejn.

Ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti fl-intier taghha u jaggusta din it-talba arbitrio bono viri fl-ammont ta' mitt Euro.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' mitt Euro (€100.00). Bl-ispejjes.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**